MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta tat-28 ta' Mejju, 2012

Talba Numru. 691/2010

**Luella Camilleri et**

**vs**

**Christine Psaila**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviż ippreżentat mill-atturi fis-27 ta' Mejju, 2010 li permezz tiegħu l-atturi talbu s-somma ta' elfejn, tlett mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu-(€2,329.37) li jirrapreżentaw ammont ekwivalenti għal-elf lira Maltija-(LM1000) dovuta mill-konvenuta bħala bilanċ fuw il-bejgħ tal-propjeta' 11, St. Julian's Street, Sliema, ħlas li għalih il-konvenuta ħarġet cheque li ma ġiex onorat, flimkien mal-imgħax legali u spejjeż.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuta ingunta in subzzjoni.

Ra r-rikors tal-konvenuta fejn it-talba ġiet kontestata stante illi l-ebda ammont mhu dovut lill-atturi. Il-prezz tal-fond huwa kollu mħallas. Ic-cheque ta’ elf lira Maltija-(LM1000) kien intenzjonat bħala pagament ta’ fitted kitchen li filfatt ma tħallietx fil-fond u c-cheque ġie “counter-monded” fuq rikjesta ta’ Lawrence Camilleri stess il-verditu.

Ra x-xhieda ta’ Kenneth Camilleri;
Ra x-xhieda ta’ Audrey Ghigo rappreżentanta tal-Bank HSBC Malta
p.l.c.;
Ra x-xhieda ta’ Christine Psaila;
Ra d-dokumenti kollha li ġew esebiti;
Ra l-atti kollha tal-kawża.

Dwar il-mertu:

Din il-kawża tirrigwardja propjeta’ li l-kovenuta Christine Camilleri xtrat mingħand Lawrence Camilleri missier u żewġ l-atturi, liema bejgħ kien sar fit-28 ta’ Ġunju, 2005. Illi kien hemm ftehim verbali li l-konvenuta kellha tħallas l-ammont ta’ elf lira Maltija-(Lm1000) ghal-fitted kitchen li kien hemm fil-post u dan skond l-atturi l-prezz miftihem kien prezz wieħed u allura l-elf lira kienet tagħmel parti mill-ammont globali ta’ tmienja u erbgħin elf lira Maltija-(LM48,000).

Il-konvenuta tgħid illi meta marret ghaċ-ċwievet kien Lawrence Camilleri li talab lil konvenuta sabiex tagħmel stop payment peress illi tilef ic-cheque. Meta wara kien wasal nofs Lulju u l-konvenuta marret biex tidħol fil-post sabet illi l-kċina li għaliha kienet qed tħallas elf lira Maltija kienet fi stat ħażin peress illi fi kliem il-konvenuta stess; “il-kċina kienet inqalghet u kif ukoll kien hemm problemi fil-wiring, għamlu shortage minħabba l-mod ta’ kif kienu qalgħu l-kċina.” Wara dan kien sab ic-cheque u għalhekk kellha twaqqaf l-istop payment pero l-konvenuta kienet infurmatu bl-istat li fih sabet il-kċina u d-dar u l-konvenuta tgħid li kien dak iż-żmien li semgħat l-aġġar mingħand Lawrence Camilleri.

Min-nota l-oħra l-attur Kenneth Camilleri jgħid illi qabel miet missieru kien qallu li kellu jiġbor xi flus. Imbagħad jgħid illi missieru kien miet it-Tunesia u li kienu serqulu l-affarijiet personali tiegħu u għalhekk ma kellux kopja tac-cheque.

L-attur jsostni li fil-kuntratt ma kinitx issemmiet xi kċina.

Dan ix-xhud jgħid illi l-ittra esebita a fol 17 tal-proċess qatt ma raha.

It-Tribunal jikkonsidra.;
Illi Lawrence Camilleri miet madwar erbgħa snin wara li biegħ il-post lil Christine Psaila. Illi fil-fehma tat-Tribunal kieku ried jagħmel xi ħaġa kellu żmien jagħmilha. Pero kien l-attur illi fittex lil konvenuta għal flus u dan wara li miet missieru. Dan l-aġir jgħati x'jifhem lit-Tribunal illi l-verżjoni tal-konvenuta hija aktar verosimili u cioe' dik li kien favur xi arranġamenti verbali kemm dwar il-kċina, kemm dwar l-istop payment kif ukoll dwar l-istat tal-kċina li sabet il-konvenuta meta daħlet fil-post. Hemm ħafna indikazzjonijiet illi dak miftiehem kien iktar minn dak imniżżel fil-kuntratt. Hemm il-flus li għaddew għand l-Inkwilina Marianna Golovkina. Hemm il-fatt li l-post inkiteb bħala battal fil-kuntratt mentri l-inkwilna baqgħet toqgħod fih. Hemm il-kċina u l-istat li nstabet fiha meta daħlet il-konvenuta fil-post. Iż-żmien indikat il-konvenuta jaqbel u l-bank ikkonferma li dan sar fil-5 ta' Lulju, 2005 u li wara marret fil-post lejn nofs Lulju, 2005.

It-Tribunal jagħmel referenza għal kawża Desmond Mizzi noe vs Patrick Filletti pro et noe deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Jannar, 2000, fejn il-Qorti qalet; "F'każ ta' dubju raġonevoli jekk l-ammont kienx dovut, dik il-prova kienet tispetta lil attur li kien mistenni li jagħmel dik il-prova ...."

F'dan il-każ l-attur kull ma pprodu1a kien cheque li kien jinsab fil-pusess ta' missieru. Il-kelma tal-attur li qal li missieru qallu biex jiġbed il-flus. Pero l-kawża saret wara li miet il-missier u lanqas ma nġibet l-inkwilina biex tiċħad jew tametti li l-kċina kienet inqalgħet.

Għal dawn il-motivi, it-Tribunal jiddeċiedi 'lli l-attur naqas li jipprova t-talba tiegħu u għalhekk jiċħad t-talba tal-attur.

Bl-ispejjeż ta' din il-kawża kontra l-attur stess.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------